**- GARANTI SOLIDALI -**

**- ART.1094; ART1096; KAP 16 .-**

**- ART. 1935; 1937; 1948; 1949; KAP 16 –**

**- KJAMATA FIL-KAWZA –**

**- KAMBJALA -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 3317/96/RCP**

**Charles u Maria Paula, konjugi Bonnici.**

**vs**

**Anna Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2A fejn gie premess:-

Illi bis-sahha ta' skrittura iffirmata fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 1994 (Dokument "A"), l-atturi bieghu u ttrasferew, lis-socjeta' Canina Enterprises Limited, l-*equipment* kollu elenkat fl-Iskeda annessa mal-istess ftehim u l-kontenut fil-hanut, gja maghruf bl-isem "La Nocciola" fid-Dolphin Shopping Complex, Main Street, Balzan u dan verso il-prezz u taht il-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim;

Illi Patrick Gaffiero, martu Anna Louise Gaffiero u l-konvenuta Anna Farrugia dehru wkoll fuq l-imsemmija skrittura privata u flimkien u solidalment bejniethom ikkostitwew ruhhom bhala garanti, flimkien u solidament mal-istess socjeta' Canina Enterprises Limited, favur l-atturi, li accettaw il-garanzija taghhom ghall-pagament puntwali tal-prezz tal-*equipment* u l-osservanza tal-pattijiet u kondizzjonijiet ta' dan il-ftehim;

Illi s-socjeta' Canina Enterprises Limited ma baqghetx tonora it-termini tal-ftehim ghal dak li jirrigwarda il-hlas tal-prezz tal-*equipment* mibjugh, nonostante li giet interpellata, flimkien mal-garanti solidali, sabiex taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 1996, debitament notifikata lis-socjeta' Canina Enterprises Limited u lil garanti msemmija;

Illi s-socjeta' Canina Enterprises Limited ghalhekk illum tinsab debitrici tal-atturi, u l-konvenuta Anna Farrugia hija garanti solidali ghal-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn disa' u hamsin lira Maltija u disghin centezmu

(Lm4,259.90) dovuta lill-atturi bhala bilanc tal-prezz tal-*equipment* mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' Canina Enterprises Limited, bis-sahha tal-imsemmija skrittura tat-28 ta' Frar 1994;

Illi peress li jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu' tal-atturi huwa cert likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess atturi, l-konvenuta ma ghandha ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra l-kontro-talba tal-atturi ghall-hlas tas-somma dovuta;

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):-

(1) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, mitejn u disa' u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm4,259.90) dovuti lill-atturi bhala bilanc tal-prezz tal-*equipment* mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' Canina Enterprises Limited, bis-sahha tal-imsemmija skrittura tat-28 ta' Frar 1994.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4169/96 u tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 1996, inkluzi l-ispejjez relattivi ghan-notifika tal-istess u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 ta' Lulju 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 11 tal-process;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet appuntata ghas-16 ta' Dicembru 1996.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Dicembru 1996 u 17 ta' Jannar 1997, 25 ta' April 1997 fejn giet moghtija sentenza wara li l-istess Qorti ordnat l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 20 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-somma mitluba mill-atturi giet imhallsa in toto kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit ghall-ekonomija tal-gudizzjoni, stante li l-eccipjenti hija garanti solidali, ma zewg persuni ohra, ghall-pagament tas-somma mitluba fic-citazzjoni, l-eccipjenti titlob li jigu kkjamati fil-kawza z-zewg garanti solidali l-ohra u l-eccipjenti tirrizerva li jigi ntavolat rikors ghal dan l-iskop wara li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 9 tal-process;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' April 1997.

Rat l-atti kollha tal-appell tal-istess kawza u l-verbali hemm indikati u s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-2 ta' Frar 1999 li biha gie revokat id-Digriet tal-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u s-sentenza datati t-tnejn 25 ta' April 1997, u ordnat li l-kawza tinstema' mill-gdid bhala kawza normali u ghalhekk ordnat li l-atti jigu rinvjati ghal dan l-iskop quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bil-kap tal-ispejjez jibqa' bla taxxa bejn il-kontendenti, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Rat li l-istess kawza b'digriet tat-8 ta' Frar 1999 giet ri-appuntata ghat-8 ta' Marzu 1999.

Rat il-verbali tat-8 ta' Marzu 1999, 28 ta' Mejju 1999, 13 ta' Ottubru 1999, 11 ta' Frar 2000, 28 ta' April 2000, 23 ta' Gunju 2000, 29 ta' Novembru 2000, 20 ta' Frar 2001, 3 ta' April 2001, u 16 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001 bil-fakolta' lill-atturi jippresentaw nota zmien ghoxrin (20) gurnata mill-istess bil-visto jew notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat l-affidavit tal-konvenuta ppresentat b'nota tat-28 ta' Mejju 1999 u d-dokumenti mieghu esebiti minn fol. 55 sa fol. 68 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-11 ta’ Dicembru 1998 b’sitt dokumenti a fol. 37 sa fol. 44 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 31 ta' Mejju 1999 fejn hija talbet il-kjamata fil-kawza ta' Patrick u Anna Louise Gaffiero, id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta' Gunju 1999, ir-risposta tal-atturi datata 21 ta' Gunju 1999, u d-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 11 ta' Frar 2000, abbazi tal-liema wara li rat l-**artikolu 1096 tal-Kodici Civili** cahdet it-talba tal-konvenuta ghall-kjamata fil-kawza tal-istess Patrick u Anna Louise Gaffiero.

Rat ix-xhieda ta' Charles Bonnici tal-20 ta' Frar 2001 a fol. 85 sa fol. 87 tal-process; u ta’ Anna Farrugia u Charles Bonnici tat-3 ta' April 2001.

Rat li b’verbal tal-12 ta’ Lulju 2001 fejn l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta datata 8 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ODJERNA.

Illi din il-kawza saret mill-atturi sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, mitejn u disa' u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm4,259.90) dovuti lill-atturi bhala bilanc tal-prezz tal-*equipment* mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' Canina Enterprises Limited, bis-sahha tal-imsemmija skrittura tat-28 ta' Frar 1994, stante li skond l-atturi *ai termini* tal-istess skrittura privata l-konvenuta obbligat ruhha bhala garanti solidali ghall-hlas tal-prezz tal-istess *equipment*.

Illi l-konvenuta eccepiet li l-istess ammont thallas lill-atturi u ghalhekk ma hemm ebda ammont dovut u ghalhekk huwa oneru tal-istess konvenuta li tipprova l-allegazzjoni minnha vantata, stante li l-obbligu tal-prova huwa dejjem impost fuq il-persuna li tallega l-istess.

### B. PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li **l-konvenuta** fl-affidavit taghha a fol. 56 tal-process sostniet li hija kienet bdiet negozju ta' *catering* billi ffurmat il-kumpanija Canina

Enterprises Limited, li fiha kellha l-azzjonijiet kollha hlief ta' wiehed li kien ta' Patrick Gaffiero, u flimkien mal-istess persuna u martu Anna Louise Gaffiero kienu hadu l-kirja fil-kumpless tad-Dolphin Centre, Hal Balzan, u nkonnessjoni mal-istess, l-istess socjeta' minnha ffurmata xtrat minghand l-atturi l-apparat kollu li kien hemm fl-istess hanut gestit mill-atturi u dan kollox skond skrittura privata datata 28 ta' Frar 1994, ghall-liema apparat u oggetti kellhom jithallsu lill-atturi is-somma ta' Lm18,000, li minnhom thallset is-somma ta' Lm10,000 li hallset mill-kont taghha, u l-bilanc kellu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm133,33, li skond hija dejjem saru.

Illi hija sostniet li f'Dicembru 1994 hija kellha dipressjoni u Patrick Gaffiero b'raggieri minnu ezercitati, sfurzaha sabiex tassenjalu l-istess azzjonijiet fis-socjeta' bla ebda korrispettiv u fil-fatt ghaliex kienet ma tiflahx ghamelt dan skond *share transfer* datat 24 ta' Dicembru 1994; f'dan il-kuntest l-istess Patrick Gaffiero kien qalilha li lill-atturi kien ghad baqghalhom jaghtuhom biss Lm2,000, u s-socjeta' ghalhekk akkwistat self mill-Lombard Bank Limited sabiex l-istess ammont jithallas mill-istess socjeta' lill-atturi. F'xi zmien fin-1995 l-istess Patrick Gaffiero kien qalilha li l-ammont dovut lill-atturi kien thallas kollu pero' mistieden minnha sabiex issir laqgha tal-kumpanija sabiex jigi maghluq in-negozju hija baqghet minghajr risposta.

Illi ghalhekk hija pprocediet gudizzjarment sabiex issir laqgha generali tal-istess kumpanija, pero' f'din il-laqgha l-

istess Patrick Gaffiero rrifjuta li jxolji l-istess socjeta' sabiex jithallsu l-kredituri tal-istess kumpanija, li fosthom kien hemm l-istess konvenuta ghaliex hija kienet harget Lm15,000 minn butha, u kellha garanziji bankarji ta' Lm11,000 mal-Mid Med u Lm2,000 mal-Lombard.

Illi skond hija indunat li l-istess Patrick Gaffiero ma kienx ta' min tafdah, tant li dan skond hi sparpalja l-flus tal-kumpanija u fil-fatt hallset il-garanziji kollha hi, u dan anke kien telaq lill-mara u lanqas mantna lill-ibnu. Xorta wahda kitbet sabiex jaghtiha l-*audited accounts* u sabiex jaghti rendikont ta' eghmilu fil-kumpanija, izda baqghet ukoll bla risposta.

Illi l-istess makkinarju ma ghadux lanqas fil-hanut li nghalaq mill-istess Patrick Gaffiero fin-1996, u qalet li ma tistax tifhem kif il-makkinarju ma thallasx, ghaliex hija personalment kienet hallset Lm14,000 personalment u l-atturi setghu wkoll facilment jiehdu l-makkinarju lura, u staqsiet ghaliex tharrket hija biss.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-istess konvenuta jirrizulta fl-ewwel lok li hlief ghad-Dokument "E" l-ebda dokument ma huwa awtentikat u lanqas originali, meta tali dokumenti setghu facilment gew esebiti fl-original taghhom jew inkella awtentiki skond il-ligi.

Illi jidher ukoll li permezz ta' skrittura datata 13 ta' Dicembru 1994, inghad li permezz ta' risoluzzjoni

straordinarja tas-socjeta' Canina Enterprises Limited, l-istess konvenuta irrizenjat minn direttur tal-istess socjeta' u trasferiet l-ishma kollha hlief wiehed fl-istess socjeta' lill-Patrick Gaffiero, li baqa' ghalhekk l-unika direttur tal-istess socjeta' b'effett mit-13 ta' Dicembru 1994.

Illi pero' nonostante dan jirrizulta li permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Dicembru 1994, l-istess konvenuta *inter alia* intrabtet verso l-komparenti Patrick Gaffiero li izzomm il-garanzija li hija kienet tat favur il-Mid Med Bank kawtelata bi *pledge* tal-kont bankarju taghha *fixed deposit* fl-istess Bank fl-ammont ta' Lm11,000 favur l-istess socjeta' Canina Enterprises Limited u dan ghal zmien ta' hames (5) snin kif hemm spjegat fl-istess skrittura a fol. 58 tal-process, u wara l-istess terminu l-istess konvenuta kellha l-ghazla jew li tittermina l-istess garanzija jew li tasal fi ftehim gdid mal-istess kumpanija; min-naha l-ohra l-istess Patrick Gaffiero obbliga ruhu li ma jaghmel xejn li jista' jippregudika l-istess kont tal-konvenuta w in partikolari li ma jassumix dejn fil-kumpanija li jkunu iktar mill-*cash flow* tal-istess, u f'dan il-kaz huwa assuma r-responsabilita' tad-debiti tal-istess socjeta' u dan verso il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra hemm indikati.

Illi gew presentati wkoll rikors informi li gew presentati l-Qorti sabiex il-Qorti tordna li ssir laqgha generali tal-istess socjeta' u wkoll fis-17 ta' Jannar 1997 saret interpellazzjoni ufficjali mill-istess konvenuta lis-socjeta' Canina Enterprises Limited u lil Patrick u Anna Louise Gaffiero

sabiex l-istess ihallsu sehemhom mill-ammont ta' Lm4,259.90 li qed jigu reklamati minghandha mill-atturi proprju b'din il-kawza, apparti ittri ohra lill-istess Patrick Gaffiero, Anne Louise Gaffiero u lis-socjeta' Canina Enterprises Limited.

Illi **l-attur** min-naha tieghu kkonferma l-bilanc li kien fadal min tali negozju mal-istess socjeta' Canina Enterprises Limited, u sostna li l-oggetti minnu mibjugha ma baqawx fil-hanut fejn kienu stante li dan l-istess hanut gie abbandunat u zarmat minn kollox. Illi fuq l-istess ammont kienu inhargu kambjali li ma gewx onorati, u l-kambjali li thallsu gew ritornati lill-konvenuta u lis-socjeta'. Meta ma gewx onorati l-kambjali kellu jaghmel tajjeb huwa mal-bank. Meta ma sabx l-oggetti fil-hanut huwa kellem lill-konvenuta u wara fetah din il-kawza. Illi gieli mar il-hanut ghall-hlas u daqqa sab lill-konvenuta u daqqa lill-Patrick Gaffiero; dan ta' l-ahhar tah cekkijiet li pero' ma ssarfux, u kien jerga' jmur ghandu u gieli tah Lm120 akkont u gieli ma tah xejn, u gieli tah cekk iehor li ma jissarrafx ukoll.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li *ai termini* tal-iskrittura privata datata 28 ta' Frar 1994 l-konvenuta obbligat ruhha solidalment flimkien ma' Anne Louise Gaffiero u Patrick Gaffiero ghall-obbligazzjoni assunta mis-socjeta' Canina Enterprises Limited sabiex thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) bilanc minn

somma akbar ta' tmintax-il elf lira Maltija (Lm18,000) rappresentanti prezz ta' *equipment* mibjugh u kkonsenjat mill-atturi lill-istess socjeta' fuq indikata bhala debitur principali, filwaqt li l-istess bilanc kellu jithallas kwantu ghall Lm3,000 sas-26 ta' Gunju 1994, u s-somma rimanenti ta' Lm8,000 permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm133.33 il-wiehed b'effett mis-26 ta' Mejju 1994 bl-imghax ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mid-data tal-istess skrittura privata.

Illi fil-fatt il-paragrafu numru ghaxra (10) tal-istess skrittura jipprovdi li:

*"There also appear on this Agreement, (i) Patrick Gaffiero, son of Nazzareno and holder of Identity Card Number 333469 (M); (ii) Anna Louise Gaffiero, wife of Patrick Gaffiero and daughter of Saviour Catania, holder of Identity Card Number 381967 (M); and (iii) Anna Farrugia daughter of the late Victor and widow of Joseph Farrugia, holder of Identity Card Number 559153 (M) who, jointly and severally betweem them do hereby stand as sureties, jointly and severally with the Purchaser, in favour of the Vendor, who accepts, to guarantee the punctual payment of the price of the Equipment and the observance of the terms and conditions of this Agreement".*

Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kaz dwar is-solidarjeta' tal-istess konvenuta flimkien ma' terzi fuq indikati ghad-debiti tas-socjeta' Canina Enterprises Limited a favur l-atturi, u din l-istess konvenuta ma tidhirx li qed tikkontestah. Min-

naha l-ohra hija sostniet li l-istess kreditu llum reklamat mill-atturi kontra taghha fil-veste taghha bhala garanti solidali ma huwiex dovut stante li l-istess ammont thallas kollu.

Illi pero' minkejja din l-allegazzjoni da parte tal-konvenuta hija ma gabet l-ebda prova kwalunkwe biex tissosstanzja b'xi mod l-allegazzjoni taghha, ghaliex kull ma resqet bhala prova hija biss sensiela ta' vantazzjonijiet fil-konfront tal-garanti solidali l-iehor Patrick Gaffiero u xejn izjed. Fil-fatt bl-ebda mod ma rnexxiela turi li l-ammont rikjest mill-atturi fil-fatt thallas, u dan huwa ta' pregudizzju kbir ghat-tezi tal-istess konvenuta f'din il-kawza, stante li din hija proprju d-difiza principali taghha.

Illi l-konvenuta jista' jkun li ghandha dritt ta' rigress kontra l-garanti solidali l-ohra hemm indikati u anke kontra s-socjeta' li hija d-debitur principali pero' dan mhux il-mertu ta' din il-kawza, izda mertu ta' azzjoni jew kawza ohra fejn l-istess konvenuta titlob tali rifuzzjoni mill-garanti solidali bhala ghas-sehem taghhom fl-istess garanzija moghtija favur l-attur u kontra s-socjeta' debitrici principali.

Illi fil-fatt l-**artikolu 1094 tal-Kodici Civili** jipprovdi li:-

*"L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-*

*hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur".*

Illi l-effett tal-istess obligazzjoni solidali skond l-**artikolu 1096 tal-Kap 16** huwa li:-

*"Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni".*

Illi tal-istess portata huma id-disposizzjonijiet tal-istess **Kodici Civili "FUQ IL-GARANZIJA"**, tant li l-**artikolu 1935 tal-istess Kap 16** jipprovdi li:-

*"Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx-*

*(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur".*

Illi l-istess jinghad fl-**artikolu 1937 tal-Kap 16** fejn hemm car stipulat li:-

*(1) "Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu".*

*(2) "Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-beneficcju tal-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur, jitlob li l-kreditur*

*jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti.”*

Illi ovvjament l-istess garanti li jhallas id-dejn ghandu dritt ta' regress kontra l-garanti solidali l-ohra ghall-sehemhom skond l-**artikolu 1949** u anke kontra d-debitur principali skond l-**artikolu 1942,** pero' kif fuq inghad dan huwa mertu ta' azzjoni ohra u mhux dik presenti peress li f'din il-kawza l-atturi skond il-ligi qed jitolbu biss li jithallsu l-kreditu taghhom mill-konvenuta bhala garanti solidali taghhom abbazi tal-obbligazzjoni specifika minnha assunta bil-ftehim precitat, mentri d-dritt ta' regress tal-konvenuta meta u jekk ha thallas id-dejn jittratta dwar ir-relazzjoni interna bejn l-istess garanti solidali u d-debitur principali, li l-konvenuta taf ukoll li ma humiex il-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-fatt fix-xhieda taghha anke tramite l-affidavit minnha ppresentat hija sostniet li interpellat lill-garanti solidali l-ohra u lis-socjeta', debitrici principali, proprju sabiex ihallsu l-istess dejn lill-atturi mertu tal-kawza odjerna, u dan jidher wkoll minn kopja legali tal-ittra ufficjali intimata lill-istess persuni datata 17 ta' Jannar 1997, anke wara li nfethet din il-kawza kontra taghha, u naxxenti minn din il-kawza, fejn l-istess konvenuta sostniet ukoll li ghamlet u ghandha diversi proceduri *inter alia* kontra l-istess Patrick Gaffiero.

Illi li huwa sinifikanti fl-istess ittra ufficjali a fol. 16 tal-process huwa li l-istess konvenuta qed tinterpella lis-socjeta' Canina Enterprises Limited sabiex thallas id-debitu

kollhu hemm rikjest, u lill-garanti solidali l-ohra sabiex ihallsu sehemhom mill-istess debitu, li jindika li l-konvenuta taf ben sew li l-istess debitu llum rikjest ma thallasx. Din il-konoxxenza tal-kreditu tal-atturi kontra *inter alia* l-konvenuta tinsab minnha rikonoxxuta wkoll fl-ittra interpellatorja li l-istess konvenuta spediet lill-istess Patrick Gaffiero fit-12 ta' Dicembru 1996 (Dok. "F" - fol. 6) meta fost affarijiet ohra sostniet li *"inti interpellat biex minnufih tikkonsenja l-assi kollha tas-socjeta' inkluza l-ghamara, counter, cash register ecc. biex jithallsu l-kredituri fosthom is-sinjuri Bonnici".*

Illi in vista ta' dan kollu ma jidhirx li l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-istess kreditu mertu tal-kawza odjerna gie mhallas jista' jkun kredibbli, u dan mhux biss ghaliex il-konvenuta ma gabet l-ebda prova kwalunkwe sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha, izda wkoll ghaliex din l-eccezzjoni hija addirittura kontradetta mid-dokumenti minnha esebiti, li juru proprju l-ezistenza tal-istess kreditu tal-ammont rikjamat illum minghand il-konvenuta bhala garanti solidali.

Illi l-konvenuta jidher li fl-ahhar sostniet li l-istess debitu taghha gie mhallas permezz ta' kambjali mahruga minn Canina Enterprises Limited li gew iggirati lill-Bank mill-atturi, izda dwar dan ma hemm prova ta' xejn, u apparti li ma gewx prodotti l-istess kambjali imhallsa relattivi ghall-ammont indikat fic-citazzjoni attrici, l-istess konvenuta lanqas harket bhala xhieda taghha rapresentanti tal-istess

Bank u/jew lill-Patrick Gaffiero sabiex jixhdu fuq l-istess, u allura l-istess tezi tal-konvenuta mhux biss hija nfondata legalment, izda wkoll hija bla bazi fattwalment, ghaliex il-provi dwarha huma kompletament mankanti.

Illi apparti wiehed irid japprezza li din il-kawza saret sabiex il-konvenuta tosserva l-obbligazzjonijiet taghha *ai termini* tal-istess skrittura privata citata fejn hija dahlet bhala garanti solidali ghall-istess ammont, u mhux fuq azzjoni kambjarja, u z-zewg kawzali huma ben distinti w indipendenti minn xulxin.

Illi fil-fatt kif gie affermat fis-sentenza "**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**" (K.J.D.C 15 ta' Novembru 1993) li :-

"*appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din* (azzjoni kambjarja)*, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti*".

Illi l-istess arrangament gie segwit f' diversi sentenzi fosthom "**John Mary Sammut vs Michael Cassar**" (App K. 14.10.1991) u "**George Zahra vs Alfred Borg**" (K. JSP 28.4.1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss

eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et vs Subway (Malta) Limited"*** (Citaz. Nru. 273/2000/RCP).

Illi ovvjament dan ma jfissirx li bil-presentata ta' kambjala l-obbligazzjoni originali tigi estinta', u dan ghaliex fl-ewwel lok il-kambjala hija strument ta' kreditu li jrid jigi onorat, u mhux forma ta' pagament jew estinzjoni tal-obbligazzjoni anke originali ghaliex biex dan isehh tali kambjala trid tigi onorota u mhallsa, u fit-tieni lok dawn il-principji isahhu dak li fuq inghad dwar l-indipendenza u s-separazzjoni tal-kawzali naxxenti mill-kambjala u l-kawzali naxxenti mill-obbligazzjoni originali li jibqghu distinti minn xulxin sakemm isehh il-pagament. F'dan il-kaz l-ebda prova ta' pagament ghall-kambjali li jkopru l-ammont rikjest fil-kawza attrici ma giet lanqas minimmament ippruvat.

Illi ingab l-argument li din il-Qorti kif diversament presjeduta ma ordnatx il-kjamata fil-kawza tal-imsemmi Patrick Gaffiero u b'hekk id-difiza tal-istess konvenuta giet pregudikata, u saret riferenza ghas-sentenza **"Anthony Azzopardi vs Calcedonio sive Donald Attard"** (A.K. 27 ta' Jannar 1997).

Illi fis-sentenza citata mill-konvenuta dik l-istess Qorti sostniet li abbazi ta' dak eseperit mill-konvenut f'dik il-kawza, fejn huwa allega li l-terz kien is-socju' tieghu fl-istess negozju mal-atturi, u billi ghalhekk hemm is-solidarjeta' *ai termini* tal-**artikolu 1096,** il-gudizzju huwa integru ghaliex il-ligi taghti dritt lill-kreditur sabiex jipprocedi kontra wiehed biss mid-debituri solidament obbligati fil-konfront tieghu, *"jekk hekk jaghzel li jaghmel, bl-eskluzzjoni tad-debituri l-ohrajn, dan ifisser li l-gudizzju hekk promoss ma jistax ma jitqiesx li kien integru".* Pero' l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet issostni li f'dak il-kaz kien hemm lok ta' kjamat fil-kawza tal-istess socju stante li minkejja dak kollu premess, il-kjamat in kawza ghandu interess fl-istess proceduri u jkun jista' jiddefendi ruhu kontra t-talbiet, ghaliex *altrimenti jkunu qed jaghmlu stat anke fil-konfront tieghu, meta huwa ma kienx ser jinghata l-opportunita' li jiddefendi ruhu u jressaq l-eccezzjonijiet tieghu kontra t-talbiet tal-attur kreditur. … … u dan ikun ifisser li l-konvenut sokkombenti kien ikollu dritt ghar-rigress kontra d-debitur l-iehor solidament obbligat u jkun jista' jesigi il-pagament ta' sehmu minghajr ma dan ikun inghata l-opportunita' li jopponi tali sejha ghall-pagament mill-kreditur".*

Illi din il-Qorti thoss, li apparti li d-decizjoni odjerna tifforma stat biss bejn il-kontendenti fil-kawza, ic-cirkostanzi odjerni huma ben differenti minn dawk proposti f'dik il-kawza li kienet qed titratta obbligazzjoni potenzjalment naxxenti kontra zewg ko-debituri, fejn f'ambitu kummercjali is-

solidarjeta' hija presunta, mentri f'din il-kawza hemm talba kontra persuna, il-konvenuta, li obbligat ruhha specifikatament favur l-atturi bhala garanti, solidalment flimkien ma ohrajn ghad-debiti ta' terzi persuna, u l-iskop uniku li ghaliha intalbet il-kjamata fil-kawza kien biss sabiex tirregola r-relazzjoni interna bejn l-istess ko-garanti, li certament ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza.

Illi dan johrog car mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn l-unika difiza li nghatat minnha kienet dik li ma huwa dovut xejn stante li l-ammont dovut thallas kollu, u wara sostniet li ser tirriseva wara li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni taghha titlob il-kjamata fil-kawza taz-zewg garanti solidali l-ohra, u minn dan johrog car li l-iskop ta' din il-kjamata fil-kawza kienet biss sabiex tirregola r-relazzjoni taghha mal-istess garanti solidali sabiex dawn johorgu s-sehem taghhom mill-istess debitu.

Illi huwa ovvju li dan ma huwiex l-iskop tat-talba attrici u wkoll tali talba tal-konvenuta tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1935 tal-Kap 16** li jipprovdi li l-beneficcju tal-eskussjoni ma jghoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruhu *in solidum* mad-debitur u kontra l-**artikolu 1937 tal-istess Kap 16** fejn debitur *in solidum* ma jistax jitlob lill-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti.

Illi f'dan l-isfond certament li l-istitut tal-kjamat in kawza ma huwiex intenzjonat li jippregudika d-dritt tal-atturi

rigwardanti l-obbligazzjoni ta' solidarjeta' li huwa bi ftehim specifiku ottjena kontra l-konvenuta, li accettat *a sua volonta'* li tikkostitwixxi ruhha specifikatament bhala garanti solidali tal-istess, ghaliex altrimento kieku giet accettata jew kellha tigi accettata it-tezi tal-konvenuta, l-obbligazzjoni ta' solidarjeta' taghha fil-konfront tal-atturi, li fuqha hija mibnija l-azzjoni attrici, kienet tigi ghal kollox vanifikata, b'dan li d-dritt sostantiv tal-atturi kien jigi serjament pregudikat, u d-disposizzjonijiet dwar il-garanti solidali u l-effetti taghhom jigu wkoll serjament kompromessi, ghaliex imorru kontra id-disposizzjonijiet *ad hoc* tal-ligi sostantiva fuq citata.

Illi dan qed jinghad ukoll meta din il-Qorti hija konxja tal-fatt li l-unika prova li gabet l-istess konvenuta ma kienitx tirrigwarda l-allegat hlas tal-istess kreditu, u lanqas il-kontestazzjoni tal-posizzjoni taghha bhala garanti solidali, izda biss fuq l-allegati raggieri u atti frawdolenti li Patrick Gaffiero, allegatament ikkometta fil-konfront taghha, u l-obbligazzjoni tieghu li johrog sehmu mill-istess kreditu in vista tal-obbligazzjoni tieghu medessima bhala garanti solidali, li l-konvenuta dejjem ghandha dritt issegwi bl-azzjoni ta' rigress *ai termini* tal-**artikolu 1949 tal-Kap 12.**

Illi dan kollu huwa konfermament ma dak li gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Abdilla vs Camilleri"** tat-3 ta' Frar 1957 fejn il-Qorti kkonfermat il-principji fuq enuncjati anke abbazi tal-**artikolu 1094 tal-Kap 16.**

Illi mhux minnu lanqas li b'tali cahda ghall-kjamata fil-kawza, il-konvenuta giet pregudikata fid-difiza taghha, u dan stante li l-konvenuta kellha l-opportunita' li tressaq ix-xhieda kollha in sostenn tal-eccezzjonijiet kollha taghha minnha sollevati, izda baqghet ma resqet l-ebda xhieda, lanqas perezempju r-rappresentanti tal-Bank li allegatament ircevew il-kambjali tas-socjeta' Canina Enterprises Limited, id-debitur principali, jew lill-istess garanti solidali Patrick u/jew Anna Louise Gaffiero, anzi l-konvenuta addirittura rrinunzjat li tressaq lill-istess Patrick Gaffiero bhala xhud ghaliex sostniet li huwa msiefer. Huma dawn in-nuqqas ta' provi biss li ppregudikaw lill-konvenuta fid-difiza taghha, u dan meta kien l-oneru taghha li tipproduci l-istess minhabba l-allegazzjoni ta' pagament minnha vantata.

Illi a propositu jinghad ukoll li l-konvenuta bl'ebda mod ma giet ippregudikata fir-relazzjoni taghha mal-istess Patrick Gaffiero stante li hija dejjem ghandha d-dritt ta' regress *ai termini* tal-**artikolu 1949 tal-Kap 16** u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et"** (A.C. 23 ta' Jannar 1998) xejn ma jzomm lill-konvenuta milli tagixxi direttament kontra l-istess garanti solidali l-ohra – *"hadd m'hu qed izommhom u lanqas b'daqshekk ma jista' jinghad li proceduralment huma zvantaggati irremedjabilment. Huwa dmir tal-Qorti li kemm jista' jkun toqghod u timxi fuq l-atti li jigu ppresentati ghall-konsiderazzjoni taghha".*

Illi iktar sinifikattiv l-istess sentenza sostniet li:-

*"L-istitut ta' kjamat fil-kawza jservi fost l-ohrajn il-ghan li jevita molteplicita' ta' proceduri dwar l-istess mertu, kif ukoll il-possibilita' ta' gudizzju konfliggenti. Fl-istess waqt pero' hemm certi regoli generali li ghandhom jigu osservati, u xejn l-anqas fosthom dik tan-necessita' jew utilita' prima facie tal-kjamata … … … ghaliex altrimenti l-istess proceduri flok jissimplifikaw il-proceduri 'in corso', jikkomplikawhom bla bzonn".* Tal-istess portata huma s-sentenzi **"George Cutajar vs Edward Vincenti Kind proprio et nomine"** (K. (TG) 15 ta' Mejju 1953) u **"Lawrence Farrugia vs Joseph Fava"** (A.I. (C.A.) 18 ta' Mejju 1995).

Illi dwar l-ahhar sottomissjoni tal-konvenuta fejn sostniet li l-atturi kellhom dejjem dritt li jiehdu l-oggetti lura, jidher car li anke din is-sottomissjoni ma ghandha ebda fondament legali u guridiku stante li skond paragrafu disgha (9) tal-iskrittura tat-28 ta' Frar 1994, l-atturi ghandhom il-fakolta' li jagixxu ghall-pagament tal-bilanc jew jiehdu l-oggetti lura, u l-atturi, kif kien dritt taghhom ghazlu l-ewwel opzjoni.

Illi ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuta.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, mitejn u disa' u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm4,259.90) dovuti lill-atturi bhala bilanc tal-prezz tal-*equipment* mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' Canina Enterprises Limited, bis-sahha tal-imsemmija skrittura tat-28 ta' Frar 1994.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4169/96 u tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 1996, inkluzi l-ispejjez relattivi ghan-notifika tal-istess u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 ta' Lulju 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, u dan b'riserva ta' kull dritt li l-istess konvenuta jista' *sic et quatenus* jkollha ta' regress kontra d-debitur principali u/jew il-garanti solidali l-ohra skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru, 2001**